

Suġġett

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma ġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrenti bħala membru tal-persunal bil-kuntratt.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) BR għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tbat i-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 138, 12.05.2012, p. 32.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Marzu 2013 — Scheefer vs Il-Parlament

(Kawża F-41/12) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Rexissjoni ta' kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat — Raġuni leġittima”)

(2013/C 147/63)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Séverine Scheefer (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu), (rappreżentanti: R. Adam u P. Ketter, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: V. Montebello-Demogeot u M. Ecker, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament li tirrexxindi l-kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat tar-rikorrenti u talba għad-danni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) S. Scheefer għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbat i-ispejjeż sostnuti mill-Parlament Ewropew.

⁽¹⁾ ĠU C 138, 12.05.2012, p. 38.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Marzu 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-17/12) ⁽¹⁾

(“Servizz Pubbliku — Artikolu 34(1) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors ippreżentat permezz ta' faks fit-terminu għall-preżentata ta' rikors — Firma bl-idejn tal-avukat differenti minn dik li tidher fuq l-oriġinali tar-rikors mibgħut bil-posta — Tardività tar-rikors — Inammissibbiltà manifesta”)

(2013/C 147/64)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: M^e G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M^{me} C. Berardis-Kayser u M. J. Baquero Cruz, aġenti, assistiti minn M^e A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett tal-kawża

Talba sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas somma bħala kumpens għad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrent minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura għar-rikonoxximent tal-gravità tal-marda li kien isofri minnha.

Dispożittiv tad-digriet

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) L. Maruccio għandu jbat i-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż esposti mil-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 138, 12.05.2012, p. 33.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Pepi vs ERCEA

(Kawża F-33/12) ⁽¹⁾

(Servizz Pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Membri tal-persunal bil-kuntratt awżiljarji — Reklutaġġ — Klassifikazzjoni waqt ir-reklutaġġ — Artikoli 3a, 3b u 86 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieġ — ERCEA — Regoli interni tal-klassifikazzjoni tal-membri tal-persunal bil-kuntratt)

(2013/C 147/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean Pepi (Brussell, il-Belġju), (rappreżentant: M. Velardo, avukat)